MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 698/2002/1

**Avviz Numru 698/02 AJD**
**Loreto u Annie konjugi Gatt**

**vs**

**Denise Schembri, George Zammit u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2003 giet kjamata in kawza Maria Schembri, jew min minnhom huwa responsabbli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm757.00) dovuti in linea ta' danni kagunati mill-konvenuti, jew min minnhom hu responsabbli, u rapprezentanti hsarat li saru fil-propjeta' numru 60, fi Triq Dolmen, Marsascala, liema propjeta' tappartjeni lill-konjugi Gatt. Il-hsarat kienu

konsegwenza tal-alterazzjonijiet strutturali fil-garaxx bla numru u bla isem li qieghed sottostanti l-propjeta' tal-atturi, liema garaxx jappartjeni lill-konvenuta Denise Schembri skond kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro datat 23 ta' Lulju 2001. L-alterazzjonijiet fil-garaxx sottostanti li kkawzaw danni fil-propjeta' tal-atturi saru b'negligenza, imprudenza u minghajr il-prekawzjonijiet mehtiega mill-ligi.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenut George Zammit fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi l-esponent jichad bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tal-atturi li huwa ghamel xoghol ta' natura strutturali b'negligenza, mprudenza u minghajr il-prekawzjonijiet mehtiega mill-ligi.
2. Illi x-xoghol li ghamel fil-fond ossia garaxx sottostanti l-propjeta' tal-atturi kien taht struzzjonijiet tal-konvenuta l-ohra Denise Schembri u dan skond kif giet diretta mill-Perit ta' fiducja taghha.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mil-atturi huwa eccessiv.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-Risposta tal-konvenuta Denise Schembri fejn hija eccepiet is-segwenti:-
1. L-esponenti m'hijiex responsabbli ghad-danni reklamati billi hi ma kkagunat l-ebda hsarat kif ser jigi pruvat.
2. F'kull kaz l-ammont pretiz huwa esagerat.
Sema' x-xhieda tal-atturi, tal-Perit Joseph Zerafa Boffa, tal-konvenut George Zammit u tal-kjamata in kawza Maria Schembri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tal-31 ta' Jannar 2003 fejn giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Maria Shembri.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda danni kagunati fil-fond bin-numru 60, fi Triq Dolmen, Marsascala bhala konsegwenza ta’ xoghlijiet strutturali li saru fil-fond sottostanti konsstenti f’garaxx, liema fond huwa propjeta’ tal-konvenuta Denise Schembri. Ix-xoghol sar mill-konvenut l-iehor George Zammit li gie nkarigat jaghmel dan ix-xoghol mill-konvenuta Denise Schembri. M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet kontendenti dwar il-fatt li l-hsarat fil-propjeta’ tal-atturi, liema hsarat huma elenkati fir-rapport tal-Perit Joseph Zerafa Boffa (a fol. 31) u huma riportati f’ritratti li jinsabu esebiti a fol. 31A, gew kagunati bhala konsegwenza tax-xoghlijiet struturali esegwiti mill-konvenut George Zammit fil-propjeta’ tal-konvenuta Denise Schembri u fuq struzzjonijiet tal-kjalamta in kawza Maria Schembri. Il-kontestazzjoni tirrigwarda min mill-konvenuti u l-kjamata in kawza huwa responsabbli sabiex jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni u l-quantum tad-danni reklamati mil-atturi stante li l-konvenuti jirritjenu li huma esagerati.

Illli t-Tribunal ser jibda biex jiddetermina l-ewwel u qabel kollox il-kwistjoni ta’ responsabilita. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq, ix-xoghlijiet in kwistjoni gew esegwiti mll-konvenut George Zammit, fuq struzzjonijiet tal-kjamata in kawza Maria Schembri u fil-propjeta’ appartenenti lill-konvenuta Denise Schembri. Maria Schembri hija omm Denise Schembri u fil-fehma tat-Tribunal meta hija tat l-istruzzjonijiet lill-konvenut George Zammit hija kienet qed tagixxi bhala mandatarja ta’ bintha li hija l-propjetarja tal-fond li fih saru x-xoghlijiet. Maria Schembri ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija kienet qed tagixxi biss ta’ mandatarja ta’ bintha u ma tistghax tiqies responsabbli. Stabbilit dan il-punt irid issa jigi determinat min miz-zewg konvenuti huwa responsabbli ghall-hsarat kagunati fil-fond propjeta’ tal-atturi. It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-provi prodotti mill-partijiet u huwa tal-fehma li z-zewg konvenuti huma ugwalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi stante li t-tnejn kienu negligenti u mprudenti fl-agir taghhom in konnessjoni max-xoghlijiet strutturali li gew esegwiti fil-fond propjeta’ tal-atturi. Il-konvenut George Zammit isostni li huwa esegwixxa x-xoghlijiet skond l-istruzzjonijiet li inghata

minn Maria Schembri, li kif spjegat aktar il-fuq kient qed tagixxi bhala mandatarja ta’ bintha, u li l-istess Maria Schembri qaltlu li hija kienet gabet dawn l-istruzzjonijiet minghand il-perit ta’ fiducja taghha. Maria Schembri, min-naha l-ohra tghid li hija kienet ghaddiet in-numru tat-telefon tal-perit taghha lil Zammit sabiex huwa jikkomunika mieghu u jivverifika li l-istruzzjonijiet li kienet taghtu kienux korretti. Apparti l-fatt li x-xhieda ta’ Maria Schembri ma tantx hija kredibbli, fis-sens li t-Tribunal kellu l-opportunita’ jismaghha tixhed ‘viva voce’ u jinsab moralment konvint li ma kienetx qed tghid il-verita’, anki kieku ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen dak li qalet, xorta wahda t-Tribunal jirritjeni li Schembri kienet negligenti fl-agir taghha. Dan jinghad ghaliex it-Tribunal jirritjeni li hija kellha l-obbligu li tassigura li l-Perit u Zammit kienu tkellmu u li dan tal-ahhar kien qed jesegwixxi x-xoghlijiet skond l-istruzzjonijiet tal-perit, skond il-ligi u skond is-sengha u l-arti.

L-Artikolu 1037 tal-Kap. 16 jipprovdi s-segwenti:-

“Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat g]all-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.”

Il-konvenuta Denise Scheembri hija responsabbli ai termini ta’ dan l-Artikolu peress li hija qabdet persuna mhux ta’ hila tesegwixxi xoghlijiet strutturali fil-propjeta’ taghha minghajr ma vverifikat jekk din il-persuna kienetx kapaci taghmel dawn ix-xoghlijiet skond is-sengha u l-arti. Dan setghat facilment taghmlu kieku kkonsultat ma perit u rat l x-xoghlijiet in kwistjoni gew esegwiti taht is-supervizjoni u d-direzzjoni tal-istess perit.

Il-konvenut George Zammit min-naha l-ohra huwa wkoll responsabbli ghal hsarat kagunati fil-fond tal-atturi u dan ai termini kemm tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 kif ukoll ai termini tal-Artikolu 1038 tal-istess Kap. Dawn l-Artikoli jipprovdu s-segwenti:-

“ **1031** Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.

**1038.** Kull min ming]ajr ma jkollu l-hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li, minhabba n-nuqqas ta’ hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor.”

Mill-provi rrizulta ampjament li kien il-konvenut li esegwixxa x-xoghlijiet u li kienu dawn ix-xoghlijiet li kkagunaw il-hsarat. Isegwi ghalhekk li l-konvenut Zammit huwa responsabbli ai termini tal-Artikolu 1031 bhala l-persuna li esegwixxa x-xoghlijiet u ai termini tal-Artikolu 1038 ghaliex persuna tas-sengha ma kienetx taccetta li tesegwixxi xoghlijiet strutturali minghajr struzzjonijiet adegwati ta’ perit jekk ma kienetx verament certa mill-konsegwenzi tax-xoghol li kienet ser taghmel.

It-Tribunal jidhirlu li z-zewg konvenuti huma responsabbli ghall-hsarat fi kwoti ndaqs bejniethom.

Illi kif diga’ ntqal aktar il-fuq, il-konvenuti qeghdin ukoll jikkontestaw il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi stante li jirritjenu li dawn huma esagerati. Il-kontestazzjoni tirrigwarda l-madum tal-kamra tal-banju. Mir-rapport tal-Perit Zerafa Boffa rrizulta li fil-fatt kull ma tkissru kienu disa’ madumiet izda mix-xhieda tal-konvenut Zammit stess irrizulta wkoll li dawn il-madumiet ma setghux jigu rimpjazzati peress li ma kienux ghadhom ‘in stock’ u ma kienx possibbli li jinxtraw ohrajn bhalhom. Huwa veru li l-atturi bhala danneggjati ghandhom l-obbligu li jimminimizzaw id-danni izda huwa wkoll veru li huma ghandhom ukoll id-dritt li jigu ri-integrati fil-posizzjoni li kienu fiha qabel ma gew kawzati lilhom id-danni. Qabel ma gew ikkagunati il-hsarat l-atturi kienu qeghdin igawdu minn kamra tal-banju kompleta u fil-fehma tat-Tribunal sabiex huma jergghu jitpoggew f’din il-posizzjoni, huwa necessarju li jinbidel il-madum kollu tal-kamra tal-banju sabiex huma jerga’ jkollhom kamra tal-banju b;madum uniformi. Il-fatt li l-kamra tal-banju kienet ilha li nxtrat seba’ snin m’ghandhiex rilevanza ghaliex kif ghadu kemm appena ntqal, sabiex l-atturi jergghu jitpoggew fil-

posizzjoni li kienu fiha qabel l-incident li kkawzalhom id-danni, huwa assolutament necessarju li jinbidel il-madum kollu sabiex dan ikun uniformi. Id-dannireklamati huma skond stima imhejija mill-Perit Zerafa Boffa li saret referenza ghaliha aktar il-fuq u t-Tribunal qed jaccetta l-kontenut ta’ din l-istima, anki ghaliex il-konvenuti naqsu lillu jressqu provi teknici sabiex jikkontradicu l-kontenut ta’ dan ir-rapport.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi, billi filwaqt li jillibera lill-kjamata in kawza Maria Schembri mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta Denise Schembri thallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm378.50) u lill-konvenut George Zammit sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm378.50), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas efettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------